# Il-Papa Pawlu V (1605-1621) Li Waqqaf il-Fratellanza tas-SS.Mu Sagrament fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex

*mill*-KAN. DUN NIKOLA VELLA APAP

## Għażla ta' Papa

Wara l-mewt ta' Ljun XI (27 t'April 1605) li għamel biss Papa erba ġimgħat il-konklavi sab ruħu quddiem l-istess kanditaturi tal-konklavi ta' qabel. Imma lanqas din id-darba ż-żewġ kandidati l-iktar qawwija tal-Baronio u tal-Bellarmino ma rnexxilhomx jintgħażel xi ħadd minnhom. Fis-16 ta' Mejju tal-1605 ġie magħżul il-Kardinal Camillu Borghese li ħa l-isem ta' Pawlu V. (1)

Pawlu V gej minn familja ta' Guristi li telqu minn Siena għar-Ruma.(2) Twieled f'Ruma fis-17 ta' Settembru tal-1552. Studja d-dritt f'Perugia u f'Bologna, ħadem ta' avukat sakemm qabad il-karriera tal-Knisja. Kien diplomatiku fi Spanja taħt Klement VIII, li wara ħatru Kardinal. (3)

Fl-1603 kien magħżul bħala Vigarju ta' Ruma. Kien anki membru ta' l-Inkwisizzjoni Rumana u protettur ta' l-Iskozja. Fil-mument li kien magħżul Papa kellu 52 sena, u kien f'saħħtu. Pawlu V kien ta' statura għolja. Skond id-drawwa ta' dak ż-żmien kien iġib ftit leħja ma' geddumu,u mustaċċi ippuntati. Wiċċu kien jixhed ħarsa iebsa u regoluża.Kien ta' ftit kliem, imma ħabib u affabbli. Kien bniedem tax-xogħol, u dejjem għex wahdu fuq dmirijietu. Fuq kollox kien iżomm ruħu lura, u bogħod mill-politika, u bħala Papa irnexxilu ma jkunx politikant.(4)

Egħluq il-Kontroversja fuq il-Grazzja

Fil-bidu tal-pontifikat ta' Pawlu V kienet għada taħraq il-polemika bejn Banez, u Molina dawr il-'Grazzja' "De Auxilis". L-appell ta' Molina f'Ruma kontra l-kundanna tat-tagħlim tiegħu minn naħa tat-teoloġi ta' Lovanco (1587) ġigħel lis-Santa Sede tagħżel kummissjonijiet kardinalizji differenti biex iħollu din il-kwestjoni ta' dwejjaq. Mill-85 sezzjoni miżmuma mill-Kongregazzjoni "de Ausilliis" bejn l-1602 u l-1605 ma rnexxilhomx iħollu din il-kwestjoni. Fit-28 t'Awissu tal-1607 fis-sezzjoni konklusiva tal-Kongregazżjoni "de Ausiliis" il-Papa Pawlu V qal din il-kwestjoni: "Il-Konċilju ta' Trentu ddefenixxa l-ħtieġa ta' mozzjoni divina permezz tal-liberu arbitriju. Dak li jagħmel diffikulta' huwa li tkun taf jekk Alla jitħarrikx fiżikament jew moralment". Il-Papa Pawlu V fl-istess ħin ħall il-kommissjonijiet u pprojbixxa lill-partijiet jiċċensuraw waħda lill-oħra.(5)

## L-Attività Reliġjuża tal-Papa Pawlu V

Għar-reliġjożita' tiegħu Pawlu V kellu għal qalbu li jmexxi r-riforma kollha tal-Knisja. Iż-żelu tiegħu ta' riformatur fin-naħa tar-reliġjużi għamel iktar iebsa l-klawsura u rrikmanda dixxiplina wkoll iebsa. Fil-pontifikat tiegħu ġew approvati r-regoli ta' l-Oratorju ta' San Filippu Neri. Ġie inkoraġġit l-Ordni ta' Kamillu De Lellis, imwaqqaf biex idur mal-morda, u l-Ordni tal-Kapuċċini kien ġie kollu indipendenti mil-Ġeneral tal-Konventwali.

Ġab il-quddiem il-programm ta' tiġdid liturġiku ta' Piju V u fl-1614 ippubblika ir-"Ritwal Ruman". Inkariga fuq kollox lill-Kardinal Bellarmino li jagħmel Katekiżmu għaż-żgħażagħ.(6)

Pawlu V li kellu dmirijiet stretti reliġjużi, iż-żelu tiegħu juri l-kura li kellu favur il-kult tal-Qaddisin, fejn għolla għal ġieħ ta' l-altari lil Satna Franġiska Romana, lil San Karlo Borromeo, oħrajn għamilhom Beati, bħal San Filippo Neri, Ignazju ta' Loyola, Franġisku Saverju, u lil oħrajn xerred qima; bħal Giovanni Kostka, u Lwigi Gonzaga. Hekk ukoll ikkonferma xi Kongregazzjonijiet reliġjużi bħal dawk ta' l-Orsolini, tal-Viżitazzjoni, u tal-Patrijiet tad-Duttrina Nisranija. (7)

Ġab ukoll ħafna opri fit-tmiem tagħhom, barra l-faċċata tal-Bażilika ta' San Pietru skond id-disinn ġdid ta' Maderno. Is-sistema l-għejjun tax-xmara Tevere biex jevita l-għarar. (8) Waqqaf ukoll

galleriija ta' kwadri u skultura qadima, u moderna, żejjen il-palazzi u l-vilel tal-familji kollha tiegħu. Fost il-bini li sar fi żmienu ta' min isemmi t-teżori artistiċi ta' Villa Borghese barra l-bieb tal-Poplu. Bena' wkoll Akwedott li jispiċċa fil-fontana msejjaħ l-ilma Paola fuq il-Gianicolu, u kappella Paolina fil-Quirinale. (9)

## It-Twaqqif tal-Fratellanza tas-Sagramentfil-Parroċċa Veneranda ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex

Fil-Vizita Pastorali li saret lill-Parroċċa ta' San Ġorġ il-Ġimgħa 23 ta' April tal-1621 il-Kappillan ta' San Ġorġ Dun Anġelo Modlun xegħed li quddiem l-altar Maġġur jinxtgħel lampier biz-żejt, u tieħu ħsiebu l-Konfraternitaz tas-Sagrament ta' din il-Parroċċa. Fil-festi jinxtgħelu żewġ lampieri mid-devozzjoni tan-nies. Dejjem f'din l-istess Viżita nsibu miktub li f'dan l-altar Maġġur madwar sentejn ilu, twaqfet il-Konfraternita' (Fratellanza) tas-Sagrament, u tal-Karita'. Dan jidher bis-saħħa tal-Bolla mibgħuta bis-siġill taċ-ċomb bħala tifkira mill-Papa Pawlu V minn Ruma minn Santa Marija Maġġuri s-sena 1620 fis-16 ta' Awissu. Ir-Rettur ta' din il-Konfraternita' huwa Simon Barberi, il-prokuratur veru huwa Santoru Mercieca.(10)
Pawlu V wara ħafna attivita' ta' politika, reliġjuża u artistika miet fit-28 ta' Jannar tal-1621. Ġie midfun fil-kappella Borghese (jew Paolina) li huwa stess kien bena f'Santa Maria Maggiore. (11)

---


***Riferenzi***

1. Battista Mondin. Dizionario Enciclopedico Dei Pap. Storia e insegnanti p. 365.
2. Hubert Jedin. History of the Church. Vol V. p. 616.
3. Claudio Rendina. I Papi Storia e Segreti. p. 675.
4. Battista Mondin. Ect. p. 366.
5. Ibid. Op.Cit. p. 367.
6. Ibid. Op.Cit. p. 369
7. Carlo Castiglioni. Storia Dei Papi. Volume Secondo. p. 422.
8. Ibid. Op.Cit. p. 422.
9. Claudio Rendina. I Papi Storia e Segreti. p. 677.
10. A.E.G. V.P. Baldassare Cagliares.
11. Battista Mondini. Dizionario Dei Papi. Storia E Insegnamenti. p. 372.




# SAN ĠORĠ...
## Tifkiriet ta' Tfuliti

Ismek, San Ġorġ, ixxettel ġewwa fija
bl-għeruq imħawla fil-hamrija bnina
- ta' l-art Għawdxija.

Fil-maqdes tiegħek, xhud ta' kemm il-grajja
bnejt l-isbaħ tifkiriet, ta' tfajjel ċkejken
- f'żerniq il-ħajja.

Hawn l-ewwel darba gewwa fija għammar
dak li għalih it-tmiem ta' hajtek ktibt
- b'demmek iħammar.

Hawnhekk ukoll, minn kmieni xtaqt li nixbħek
fid-dmirijiet ta' suldat kbir ta' Kristu
- ridt inkun bħalek

Għax wasal jum mn'idejn ir-Ragħaj imseddqa
tqiegħed fuq ġbini ż-żejt fejjied tal-Griżma
- rajt ħolma mwettqa.

U l-ewwel f'ħajti wkoll fuq l-artal tiegħek
ersaqt biex ngħin fil-qadi tal-quddiesa
- bi ħsiebi miegħek.

Dawn tifkiriet li nibqa' nġorrhom miegħi
kif tibqa' qalbi b'għożża toħroġ l-għajta:
"Int San Ġorġ tiegħi!"


*Charles Coleiro*
Il-Belt Valletta
25 - 6 - 97